# Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

**Il-Pulizija**

**[Spettur Joseph Busuttil]**
**[Spettur Dorianne Tabone]**

**vs**

**-Omissis-**

**Kumpilazzjoni Numru: 431/2020**

**Illum, 10 ta' Marzu, 2025**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **-Omissis-** detentur tal-karta tal-identità bin-numru -Omissis- akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-

sittax (16) ta' Gunju 2017 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. **B'ghemil zieni, ikkorrompa lill-minuri -Omissis- mwielda fis--Omissis-**
   **Art. 203 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

2. **Aktar talli fl-istess cirkostanzi ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taht l-età u cioè l-minuri -Omissis- mwielda fis--Omissis- meta hu kien sacerdot u cioè persuna li abbuzat b'pozizzjoni ta' fiducja rikonoxxuta jew awtorità**
   **Art. 204C (1) ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta 208AC (1)(g)**

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fil-prezentata fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-Fedina Penali tal-imputat li hija wahda netta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sittax (16) ta' Settembru, 2021 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija u cioè:-

1. Fl-artikolu 203(1)[1] tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 204C(1)[2] u 208AC(1)(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 208B (1)(2)(2A) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikolu 6(2) tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-artikoli 17, 18, 27, 31, 209A, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

[1] Qabel ma dahhlu fis-sehh l-emendi XXIII.2017.7 u emendi sussegwenti
[2] Qabel ma dahhlu fis-sehh l-emendi XXIII.2018.24

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

## Ikkunsidrat

Illi xehed l-Ispettur Joseph Busuttil li pprezenta l-istqarrija tal-akkuzat, zewg (2) certifikati tat-twelid, il-fedina penali tal-akkuzat, CD bl-istqarrija mehuda b'mod awdjovizwali, numru ta' chats u c-cellulari tal-imputat. Jixhed li lejn nofs Awwissu rcieva telefonata mis-Safeguarding Commission tal-Kurja fejn infurmawh li kien hemm mara li xtaqet taghmel rapport stante li kienet f'relazzjoni ma' persuna li hija membru tal-kleru u cioè l-akkuzat -Omissis-. Jixhed li hu flimkien mal-Ispettur Dorianne Tabone tkellmu ma' din il-mara fit-tnejn (2) ta' Settembru 2020. Jixhed li l-vittma minuri kienet bejn halltejn jekk ghandhiex tirrapporta lill-akkuzat stante li kienet thobbu. Jixhed li hi kienet f'din ir-relazzjoni minn mindu kellha hmistax (15)-il sena. Jippreciza li l-akkuzat kien fil-fatt il-kappillan tar-rahal fejn tirrisjedi l-vittma

minuri. Jghid li stante diffikultajiet li kellha fil-familja taghha, il-vittma minuri hassitha komda hafna titkellem mal-akkuzat u tiftah qalbha. Ghal bidu l-akkuzat kien javzaha u jaghtiha pariri genwini izda meta ghadda z-zmien bdiet ir-relazzjoni bejniethom u dan billi bdew jitbewsu. Jixhed li eventwalment il-vittma minuri u l-akkuzat kienu ppartecipaw f'diversi attivitajiet sesswali ghajr ghal penetrazzjoni sesswali.

Ikompli jixhed li l-akkuzat gie mitkellem fit-tnejn (2) ta' Settembru tas-sena 2020 fejn inghata d-drittijiet tieghu u fil-fatt kien kellem lill-Avukat Dr Valenzia u dan qabel ma rrilaxxa l-istqarrija tieghu. Izid jghid li l-akkuzat ma xtaqx iwiegeb id-domandi izda eventwalment hass li kellu jwiegeb u ghalhekk ikkonferma li hu kien partecipi f'din ir-relazzjoni sesswali u dan stante li kienet il-vittma minuri li mbuttatu f'dik id-direzzjoni. Jghid li l-akkuzat sahaq li hu nduna li din ir-relazzjoni kienet wahda kontra l-ligi u hu xtaq johrog minnha. Ikompli jghid li l-vittma minuri kienet dejjem theddu li ser tmur tirrappurtah ghand l-Isqof jekk hu kien ser itemm ir-relazzjoni. Jixhed li hu eleva chats ezistenti bejn l-akkuzat u l-vittma minuri kif ukoll ic-cellulari tal-istess akkuzat. Jixhed li go dan ic-cellulari kien hemm kontenenti zewg (2) chats

wahda minnhom bl-isem ta' -Omissis- t-tifla ta' -Omissis- li hija z-zija tal-vittma minuri. Izid jghid li f'tali chat kien hemm indikat jekk il-vittma minuri kinitx marret twettaq rapport gewwa l-Ghassa jew gewwa l-Kurja. Izid jghid li kien hemm ukoll chat iehor ma' persuna li hija omm il-habib tal-vittma minuri li kienet qieghda tibghat informazzjoni lill-akkuzat. Jixhed li kien hemm chat iehor bejn l-akkuzat u huh sabiex jiftiehmu u jitkellmu bejniethom rigward il-fatt li l-vittma minuri marret taghmel rapport. Jikkonferma li ttiehdet stqarrija ohra fil-prezenza tieghu kif ukoll tal-Ispettur Dorianne Tabone.

Inkontroezami jghid li huma ma hadux dikjarazzjoni tal-vittma minuri u li ma hassx li kellha tinfetah Inkjesta Magisterjali.

Illi xehdet **<u>-Omissis-</u>** li tghid li l-akkuzat kien il-Kappillan gewwa l--Omissis-. Tippreciza li hi toqghod l--Omissis- filwaqt li ommha u missierha jghixu l--Omissis-. Tghid li l-vittma minuri hija n-neputija taghha u li kienet tkellem lill-akkuzat stante li missierha kien jghin fil-knisja tar-rahal. Tixhed li l-akkuzat kien ikellimha meta kienu jinqalghu argumenti bejnu u bejn il-vittma minuri. Tghid li kienet thossha qieghda tigi uzata minnu stante li hu kien

jghaddi l-messaggi lill-vittma minuri tramite lilha. Tghid li dan kollu kien beda meta l-vittma minuri kienet qieghda tkellem lin-nannu taghha barra l-knisja rigward il-problemi tal-familja. Tixhed li l-akkuzat raha tibki u qalilha biex hi tkellmu halli n-nannu ma jkunx inkwetat. Tixhed li kienet taf li kien hemm l-inkwiet bejn il-vittma minuri u l-akkuzat izda ma riditx tkun taf dettalji. Tghid li hi kienet qalet lill-vittma minuri biex tkellem lil missierha. Tixhed ukoll li l-akkuzat kien qalilha tramite telefonata fuq ic-cellulari li ha jinqala' l-inkwiet stante li l-vittma minuri kienet irrappurtatu ghand il-Kurja. Tikkonferma l-messagg esebit fid-dokument immarkat bhala Dok. JB7 u li tali messagg kienet ircevietu minghand l-akkuzat u li originarjament intbaghtet lilu mill-vittma minuri.

Inkontroezami tghid li hi kienet bdiet thoss li l-akkuzat qieghed jinqeda biha minn mindu kien joqghod jibghatilha l-messaggi sabiex tkellem lill-vittma minuri. Tghid li kien l-akkuzat li dejjem beda jikkomunika maghha u dan skont milli tiftakar hi.

Illi xehdet <u>**-Omissis-**</u> li tghid li hi ghandha zewgt (2) itfal. Tghid li binha certu -Omissis- kien il-habib tal-vittma minuri. Tixhed li l-

vittma minuri uzat ic-cellulari tieghu sabiex tibghat messagg lill-akkuzat. Tghid li xhin it-tifel taghha nduna b'dak kollu li qieghed jigri hu rrapporta lill-akkuzat gewwa d-Depot. Tghid li hi kellmet lil hu l-akkuzat kif ukoll lill-akkuzat innifsu u infurmathom li t-tifel mar jaghmel rapport id-Depot kontra l-akkuzat. Tikkonferma li n-numru cellulari taghha huwa -Omissis-. Tikkonferma c-chat li hemm esebit u mmarkat bhala Dok. JB8.

Inkontroezami tghid li hi hadet l-inizjattiva biex tkellem lill-akkuzat wara li binha infurmaha b'dak li kien allegatament gara. Tghid li la hi u wisq anqas binha ma kienu jafu min hu l-akkuzat. Tixhed li binha ghandu rabja lejn min ma jimxix mal-principji. Izzid tghid li binha kien ghamel zmien abbati u kien jigi bbuljat l-iskola izda dawn ma kinux ir-raguni ghalfejn kellu rabja lejn l-akkuzat.

Illi xehed **-Omissis-** li huwa hu l-imputat u li ghazel li jixhed minn jeddu. Jghid li hu jaf lil -Omissis- ftit stante li kienet tibghatlu l-messaggi tramite WhatsApp sabiex tghid lil huh li hi thobbu kif ukoll sabiex ma jitlaqx mill--Omissis-. Izid jghid din il-komunikazzjoni sehhet fis-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena

2019. Ipprezenta tali komunikazzjoni f'forma ta' screenshot immarkat bhala Dok. SB1. Jixhed li hu kellem lil huh sabiex jara naqra din il-kwistjoni x'kienet tinvolvi u hu gie infurmat mill-akkuzat li l-vittma minuri kienet qieghda tiffittah. Jghid li l-akkuzat xtaq jaqta' l-komunikazzjoni minn maghha. Jixhed li hu ltaqa' mal-vittma minuri sabiex jiddisswadiha milli tkompli tkellem lill-akkuzat izda ghamlet sax-xahar ta' Dicembru tibghatlu kull xahar sabiex javza lil huh li xtaqet tikkomunika mieghu.

Inkontroezami jghid li l-messaggi li ntbaghtu lilu mill-vittma u li gew imhassrin kienu ntbaghtu sabiex ikellem lill-akkuzat sabiex ma jitlaqx mill-parrocca. Jghid li dak iz-zmien kien jaf li huh kien ser jitlaq mill--Omissis-. Jixhed li ghal bidu ma kienx jaf min kienet il-persuna li bdiet tibghatlu l-messaggi izda eventwalment identifikat ruhha bhala -Omissis-. Jikkonferma li hu qatt ma kellu kuntatt mal-vittma qabel ma bdiet tibghatlu. Jixhed li wara li kkomunikat mieghu hu kellem lil huh u ddecieda sabiex ikellem lill--Omissis- wicc imb wicc. Kien ghalhekk li ltaqghu l--Omissis- sabiex ikun jaf iktar dwar din ir-relazzjoni li kienet qieghda tallega l-vittma mal-akkuzat. Jghid li f'din il-laqgha l-vittma esprimiet ix-xewqa taghha li l-akkuzat jieqaf milli jkun qassis sabiex tkompli r-

relazzjoni li kellhom flimkien u kienet lesta li taghmel minn kollox biex isir dan. Jghid li hi kienet sahansitra anke baghtet messaggi lil missieru u hu hassarhom sabiex ma jdahhalx lil missieru f'din il-kontroversja. Izid jghid li l-vittma baqghet tibghatlu l-messaggi b'mod persistenti. Jixhed li l-akkuzat kien blokka n-numru ta' -Omissis- u ghalhekk ma setghex tikkomunika mal-akkuzat. Kien ghalhekk li kienet tibghat il-messaggi lilu. Jikkonferma li hu ma kienx iwegibha lura filwaqt li informa lill-akkuzat b'dan kollu. Jixhed li kien minhabba dan kollu li s-sahha fizika tal-akkuzat kienet sejra lura. Jghid li r-raguni ghalfejn huh ried jitlaq mill-parrocca kienet sabiex jaqta' l-kuntatt minn mal-vittma. Ma jafx jekk kienx l-akkuzat li talab li jitlaq mill--Omissis-. Jikkonferma wkoll li hu qatt ma kellem lill-avukati tal-akkuzat.

Illi xehdet il-vittma **<u>-Omissis-</u>** bis-sitema awdjo viziva u li kellha hmistax (15)-il sena meta sehh l-allegat reat. Tixhed li hi kienet ghamlet zmien tmur il-knisja tal--Omissis- sabiex titkellem man-nannu rigward il-problemi li kien qieghed ikollha d-dar. Tghid li hi fil-fatt kienet tibki minhabba dawn il-problemi. Tixhed li l-akkuzat fil-vesti tieghu ta' Kappillan qalilha li hi setghet tiftah qalbha mieghu sabiex ma tinkwetax lin-nannu. Tippreciza li n-nannu

jismu -Omissis- u jigi missier ommha. Tixhed li hi bdiet tiftah qalbha fuq il-problemi bejn ommha u missierha meta kellha hmistax (15)-il sena. Tghid li hi kienet tkellmu tramite messaggi fuq ic-cellulari. Tixhed li hi kienet tkellmu anke dwar problemi li kienet tesperjenza gewwa l-iskola. Tghid li f'temp ta' gimghat kienet kibret certu kunfidenza bejnha u bejnu. Izzid tghid li l-ewwel bewsa bejniethom it-tnejn sehhet meta hi marret god-Dar Parrokkjali tal--Omissis-. Tali bewsa sehhet fuq ix-xoffa. Tghid li eventwalment hi cediet ghat-talba tieghu sabiex imissha fil-parti privata taghha.

Tkompli tixhed li dakinhar li sehhet l-ewwel bewsa l-akkuzat ghal bidu kien qieghed ihossu skomdu izda wara hu wassalha lura d-dar bil-vettura tieghu u cioè ta' ghamla Ibiza bin-numru -Omissis-. Tkompli tghid li meta l-akkuzat xtaq imissha fil-parti privata taghha kienu gewwa s-salott tad-Dar Parrokjali tieghu. Izzid tghid li hu eventwalment dahhal idu taht il-jeans u l-qalziet ta' taht taghha u missilha l-parti privata. Tghid li wara dan fis-sebgha u nofs ta' filghaxija l-akkuzat wassalha lura d-dar. Tkompli tixhed li hi u l-akkuzat kienu jiffrekwentaw diversi postijiet flimkien fosthom iz-zona li tissejjah il-Fawwara. Tghid li hi kienet tirkeb fil-

karozza tieghu u dana billi tistennieh go xi sqaq halli n-nies ma jindunawx bihom. Izzid tghid li l-postijiet li kienu jmorru kienu jinkludu Ghar Lapsi, Had-Dingli kif ukoll is-Salib Tal-Gholja. Tghid li fil-gurnata t'gheluq sninha kienu jmorru l-bahar u dawn il-postijiet kollha kienu jintghazlu sabiex in-nies ma jarawhomx.

Tghid li dawn il-laqghat kienu jsehhu madwar tliet (3) darbiet fil-gimgha. Tixhed li f'dawn il-postijiet kienu jinnamraw filwaqt li anke tiftah qalbha mieghu fuq id-diversi problemi taghha. Tghid li n-namrar kien jinkludi bews kif ukoll il-mess tal-partijiet privati taghhom. Tixhed li dan dam kollu madwar sentejn u tmien xhur. Tghid li dak iz-zmien li bdew jinnamraw kellha hmistax (15)-il sena u fil-fatt hi kienet ghadha tattendi l-iskola sekondarja gewwa -Omissis-. Tixhed li hi kienet anke tiehu c-cellulari taghha maghha l-iskola sabiex tibghatlu. Tixhed li hi twieldet fis--Omissis- u li r-rapport bejnha u bejn l-akkuzat beda fit-tlieta (3) ta' Jannar tas-sena 2017. Ipprezentat certifikat tal-iskola, pendrive kontenenti messaggi li kienu jintbaghtu bejnha u bejn l-akkuzat, screenshots ta' zewg (2) messaggi li rceviet minghand l-akkuzat kif ukoll sett ta' ritratti taghha u tal-akkuzat.

Tkompli tixhed li l-messaggi fuq il-pendrive jmorru lura sa Dicembru meta kellha hmistax (15)-il sena. Tghid li dak iz-zmien l-akkuzat kien igeghelha thassar il-messaggi stante li kien jibza' li jinqabad jekk jittiehed ic-cellulari tieghu. Tixhed li n-numru tal-akkuzat kien jigi mizmum fuq ic-cellulari taghha bhala "Boyfriend", "Babe" jew "Kabocc". Tghid li dan sabiex hadd ma jinduna li tali numru huwa tieghu. Izzid tghid li hi kienet mizmuma bhala "-Omissis-" fuq ic-cellulari tieghu. Tghid li meta kienu jargumentaw jew jillitikaw l-akkuzat gieli kien weggaghha fizikament u li dan kien iqabbadha memorji koroh fuq il-problemi li kien ikollha fid-dar taghha. Tghid li fil-fatt ommha gieli kienet issawwatha meta kien ikollha n-nervi.

Tkompli tixhed li r-relazzjoni taghhom damet sentejn u li ntemmet stante li kien ser jitlaq mill-parrocca. Tixhed li din l-ahbar saret taf biha meta marru dawra u f'hin minnhom l-akkuzat beda jibki u ammetta maghha li hu qatt ma xtaq juzaha. Tghid li hi bkiet mieghu dakinhar u regghet bkiet ghandu fl-ghoxrin (20) ta' Settembru 2019. Tghid li minkejja li hu qalilha biex titlaq hi baqghet hemmhekk u l-akkuzat spicca tefaghha 'l barra. Tghid li wara l-quddiesa li qaddes l-akkuzat dakinhar bdiet tibki hafna

stante li hassitha mugugha li ser titlef persuna daqstant importanti hafna f'hajjitha. Tghid li l-akkuzat minn dejjem kien jghid li meta l-Isqof jiddeciedi biex imexxih go parrocca ohra r-relazzjoni taghhom kienet ser tintemm izda hi m'emmnitux. Tghid ukoll li meta sehh dan kien hemmhekk li ndunat li l-akkuzat inqeda biha. Tixhed li r-relazzjoni ntemmet fl-ghoxrin (20) ta' Settembru 2019 u li wara hi xtaqet tikkomunika mieghu sabiex ikun hemm tmiem xieraq. Fil-fatt l-akkuzat kien iltaqa' maghha gewwa l-MCAST fejn hi bdiet tibki izda hu ma wera ebda emozzjoni. Tixhed li hi xtaqet terga' tkompli bir-relazzjoni stante li hi hasset li sabet l-imhabba izda l-akkuzat ma baqax iwiegeb ghal diversi messaggi li kienet tibghat. Tghid li eventwalment wettqet rapport kemm mas-Safeguarding Commission kif ukoll mal-Ispettur Busuttil dwar dan kollu. Tippreciza li l-persuna inrapprezentanza tas-Safeguarding Commission kienet certu Andrew Azzopardi. Tghid li darba minnhom wara li wettqet ir-rapport kien cempel hu l-akkuzat u cioè -Omissis- sabiex isaqsiha jekk hi fethitx xi kawza izda hi qatghatlu l-linja.

Tikkonferma li matul ir-relazzjoni hi u l-akkuzat ippartecipaw f'diversi atti sesswali ghajr ghal penetrazzjoni. Tixhed li l-akkuzat

kien l-ewwel persuna li hi habbet. Tghid li l-penetrazzjoni ma sehhitx stante li l-akkuzat xtaq jaghmel dan wara z-zwieg u ghax kien jibza' li hi tinqabad tqila.

Inkontroezami tghid li l-problemi li kien ikun hemm id-dar kienu jinkludu argumenti bejn ommha u missierha. Tghid li meta qalet lill-akkuzat f'chat datat sbatax (17) t'Awwissu tas-sena 2016 sabiex ma jghid xejn lin-nannuha ghax joqtlu kienet qieghda tirreferi ghal fatt li kienu qeghdin jikkomunikaw. Tghid li kien l-akkuzat li heggigha sabiex tiftah qalbha mieghu sabiex ma ggieghelx lil nannuha jinkwieta. Tghid li huwa minnu li hi kienet nizlet il-festa ta' Haz-Zabbar sabiex tara lill-akkuzat izda mhux ghax kienet imxennqa ghalih u dan minkejja li kitbet hekk f'messagg datat erbatax (14) ta' Settembru 2018. Tikkonferma li f'Ottubru tas-sena 2016 l-akkuzat kien iblokkjaha milli tibghatlu messaggi. Tixhed u tikkonferma l-messagg datat tmienja (8) ta' Jannar 2019 fejn ikkonfermat li l-akkuzat ma riedx jaghtiha l-ewwel bewsa izda kien it-tort taghha. Tghid li f'certu messaggi li kienet tibghatlu hi kienet tilghab bid-diskors sabiex l-akkuzat ma jabbandunahiex.

Inkontroezami tkompli tghid li hi kemm-il darba talbet lill-akkuzat sabiex jiehu ritratt taghhom flimkien izda tichad li riditu jiehu ritratt tal-parti privata tieghu. Tichad li hi kienet titolbu jiehu ritratti taghhom flimkien sabiex eventwalment tuzahom kontrih. Tikkonferma li dan il-hsieb gie wara meta ndunat li hu nqeda biha. Tkompli tixhed li kien hemm zmien fejn hi kienet tibghatlu messaggi bl-intenzjoni li hu jibghatilha lura b'mod senswali. Tikkonferma li hi gieli talbet lill-akkuzat sabiex ikollhom x'jaqsmu sesswalment. Ma tiftakarx li talbitu biex itaqqalha. Tiftakar li kien hemm drabi fejn l-akkuzat xtaq itemm ir-relazzjoni. Tghid li ma tiftakarx jekk qattx kienet tibghatlu messaggi b'theddid u lanqas ma tiftakar jekk kinitx tikkomunika ma hu l-akkuzat. Tghid però li tiftakar li kienu ftiehmu biex jiltaqghu u jitkellmu. Tixhed li hu l-akkuzat kien qalilha biex titfi c-cellulari taghha sabiex ma tirrekordjax u jekk titkellem kien lest li jharbtilha hajjitha. Izzid tghid li hi taf lil certu -Omissis- u kemm-il darba kienet kellmitha dwar ir-relazzjoni li kellha mal-akkuzat. Tghid li ma tiftakarx il-kontenut tal-messaggi li kienet tibghat lil -Omissis-. Tikkonferma li meta kien ser jitlaq kienet heddedt lill-akkuzat li kienet lesta li tirrappurtah lill-Isqof. Tikkonferma li gieli talbet lill-akkuzat sabiex jitlaq minn qassis stante li kienet thobbu.

Illi xehdet <u>Dr Marisa Mifsud</u> li giet inkarigata minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fit-tmintax (18) ta' Settembru 2020 sabiex taghmel traskrizzjoni tal-interrogazzjoni tal-akkuzat -Omissis-. Tali traskrizzjoni giet immarkata u pprezentata bhala Dok. MM1.

Illi xehdet <u>l-Ispettur Dorianne Tabone</u> li tghid li kienet ghadha surgent gewwa l-ufficcju tal-Ispettur Joseph Busuttil meta kienet baghtet lill-vittma minuri sabiex tkellimha. Tghid li -Omissis- kienet stqarret maghha li kien hemm zmien meta kien ikollha problemi familjari hi kienet tmur titkellem dwarhom mal-Kappillan tal--Omissis- u cioè l-akkuzat -Omissis-. Tghid li l-vittma minuri stqarret li ta' hmistax (15)-il sena bdiet relazzjoni sesswali bejnha u bejn l-akkuzat. Tghid li hi giet murija sett ta' ritratti bhala prova ta' dan. Tixhed li f'dawn ir-ritratti jidhru l-akkuzat u l-vittma minuri jitbewsu kif ukoll ftit minnhom li juru dawn iz-zewg (2) persuni taht il-friex go sodda. Tghid li meta lahqet spettur hi u l-Ispettur Joseph Bususttil kellmu lill-akkuzat u dan wara li hu kkonsulta mal-avukat tal-fiducja tieghu. Tikkonferma l-istqarrija mmarkata bhala Dok. JB5. Tixhed li l-ghada ta' din l-istqarrija kienet ittiehdet stqarrija ohra tal-akkuzat miktuba minnha u mill-

Ispettur Joseph Busuttil. Tali stqarrija giet ikkonfermata bhala Dok. JB1.

Illi xehed <u>**Andrew Azzopardi**</u> inrapprezentanza tas-Safeguarding Commission tal-Knisja f'Malta u Ghawdex. Jixhed li huwa l-president ta' tali kummissjoni. Jikkonferma u jaghraf lill-akkuzat u jghid li fit-tlettax (13) t'Awwissu hu gie kkuntattjat biex jitkellem ma' -Omissis- tramite telefonata. Jghid li din il-persuna kellha dsatax (19)-il sena. Izid jghid li -Omissis- eventwalment allegat wicc imb wicc li hi kienet vittma t'abbuz sesswali li kienet sofriet mill-akkuzat. Jghid li stqarret li dan l-abbuz beda meta kellha hmistax (15)-il sena u ntemm madwar sentejn wara. Jghid li l-vittma minuri spjegat x'tip ta' atti sesswali kienu jsehhu u skopra li sar minn kollox ghajr ghal penetrazzjoni. Jixhed li l-vittma stqarret li dan beda jsehh bejn l-ahhar ta' Dicembru tas-sena 2016 u bidu ta' Jannar tas-sena 2017. Izid jghid li hu spjegalha li l-procedura da parti tal-Knisja kienet li tinbeda procedura interna kif ukoll mal-Vatikan u dan skont il-Ligi Kanonika. Min-naha l-ohra hu offra li jirrangalha laqgha mal-Pulizija. Jippreciza li t-tieni laqgha saret gewwa Ghawdex fl-erbatax (14) t'Awwissu u fil-prezenza tal-Psikologa Klinika Maryrose Gatt.

Ikompli jixhed li eventwalment -Omissis- marret taghmel rapport gewwa d-Depot fit-tmintax (18) t'Awwissu u hu ma kienx prezenti. Ikompli jghid li jiftakar li l-vittma kienet inkwetat stante li kien hemm certu messaggi li juru li hi heddet lill-akkuzat. Jixhed li kien car ghalih li l-vittma kienet persuna vulnerabbli stante li dak iz-zmien kellha sentimenti ta' imhabba fil-konfront tal-akkuzat. Jghid li hi sabet lill-akkuzat bhala persuna ta' fiducja u li seta' jghinha fil-problemi li kienet qieghda ssib id-dar. Jixhed li hu konsapevoli tal-fatt li kien hemm mument fejn inqabzu certu boundaries u li dan l-agir mhux accettat ghal xi hadd li jahdem fi hdan il-Knisja.

Inkontroezami jghid li hu kien kellem lill-vittma darbtejn u cioè fit-tlettax (13) t'Awwissu 2020 u fl-erbatax (14) t'Awwissu 2020. Jixhed li rigward it-theddid li semmiet il-vittma hu ma jaf xejn bhala dettalji ghajr li kienet inkwetata fuqhom. Jghid li l-vittma heddedt lill-akkuzat sabiex jibqghu f'relazzjoni intima. Jikkonferma però li hu ma rax il-messaggi li fihom it-theddid. Jippreciza li l-vittma kienet inkwetata li tigi interpretata li qisha qieghda thedded lill-akkuzat. Jghid li l-messaggi li hi tatu, hu ghaddiehom lill-Pulizija. Jikkonferma li bejn dawk il-jumejn hu ma

kienx kellem lill-akkuzat u li kull ma kellu kienet il-verzjoni tal-vittma.

Illi xehed <u>**Keith Cutajar**</u> li gie inkarigat fit-tmintax (18) ta' Settembru 2020 minn din il-Qorti kif diversement presjeduta sabiex janalizza cellulari tal-akkuzat u jqabbel korrispondenzi li saru ma' -Omissis-, -Omissis- u -Omissis-. Jixhed li fil-process li wettaq innota li kien hemm data li giet imhassra. Stante li hafna minnu kien cloud based tali data ma gietx lura fil-kompletezza taghha. Jixhed li skont l-opinjoni teknika tieghu kkonkluda li d-data ezistenti da parti tal-akkuzat giet imhassra volontarjament. Tali inkarigu gie redatt f'rapport li jinsab fuq pendrive immarkat Dok. KC1.

Inkontroezami jghid li extraction hija kelma teknika biex tfisser meta wiehed johrog data minn cellulari. Sabiex issir din il-procedura jintuza programm apposta sabiex ikun jista' jsir analizi tac-cippa tal-memorja. Jixhed li l-sd card u l-memorja internali jistghu jigu extracted flimkien jew separati u dan skont ic-cellulari. Izid jghid li fil-kaz tac-cellulari tal-akkuzat kellha ssir extraction. Jixhed li fil-kaz tal-profil ta' WhatsApp tal-akkuzat saret dak li

jissejjah cloud based extraction. Jghid li tul dan il-process kien gie nnutat li kien hemm certu affarijiet li gew imhassrin. Jixhed li fir-rigward tac-cellulari tal-vittma u l-akkuzat, kollox gie extracted. Jiddettalja kif minhabba l-fatt li minn zmien ghal zmien il-kumpanija li tippromwovi l-applikazzjoni WhatsApp gieli johorgu aggornamenti fis-sistema fejn wiehed ikun jista' jhassar messaggi wara perjodu ta' zmien filwaqt li sistemi regolati mic-Cina m'ghandhomx tali funzjoni. Jghid li fil-fatt jista' jaghti l-kaz li l-estrazzjoni li wettaq ma tkunx gabret id-data kollha kemm hi minn fuq ic-cellulari esebiti.

Xehdet __Graziella Abela__ li pprezentat traskrizzjoni tal-istqarrija tal-imputat li giet immarkata bhala Dok. GA1.

Illi xehed minn jeddu l-akkuzat __**-Omissis-**__ li jghid li hu kien sar Kappillan tal--Omissis- f'Settembru tas-sena 2014 u din kienet l-ewwel esperjenza tieghu bhala Kappillan. Jixhed li qabel kien ghamel sitt (6) snin bhala Vici Arcipriet fil-parrocca ta-Omissis- kif ukoll kien ghamel sitt (6) snin bhala Direttur Spiritwali gol-iskola sekondarja ta' -Omissis- gewwa -Omissis-. Jixhed li hu minn dejjem kien jinzel ghal-livell taz-zghazagh. Bhala ezempju jghid li

jekk jorganizza disco night ghaz-zghazagh, hu kien jidhol jizfen maghhom u dan bl-intenzjoni li jipprova jwassal il-kelma t'Alla. Izid jghid li fis-sena 2016 hu ltaqa' mal-vittma -Omissis- li tigi n-neputija tas-sagristan ta' dak iz-zmien u cioè -Omissis-. Jghid li darba minnhom inzerta lil -Omissis- tibki barra fit-triq, kien ghalhekk li hu hadha lura l-knisja sabiex tkellem lin-nannu taghha. Jixhed li l-vittma spjegat li kien hemm il-problemi gewwa d-dar. Izid jghid li dakinhar stess filghaxija l-vittma dahlet fis-sagristija u kellmitu sabiex tispjegalu li hi ma xtaqitx tkellem lin-nannu sabiex ma tinkwetahx. Gara li l-vittma bdiet tiftah qalbha mieghu stante li missierha u ommha kienu qeghdin jinfirdu u kienet qieghda ssib hafna glied u argumenti gewwa d-dar. Jghid li l-vittma kellha rabja kbira lejn ommha u hass li kellu jipprova jikkuntentaha f'hajjitha. Jghid li darba minnhom kien ha l-adoloxxenti, fosthom lil -Omissis-, jghumu gol-bahar u qabadha tehodlu r-ritratti. Hu avvicinaha sabiex tnehhihom u fil-fatt m'ghamlitx hekk izda wrietu li kellha diversi ritratti tieghu. Jixhed li darba minnhom il-vittma kienet haditlu ritratt tieghu jbiddel bozza u iktar tard baghtitlu tali ritratt filwaqt li kkummentatlu fuq il-warrani tieghu. Izid jghid li kien ghalhekk li hu bblokkaha milli

tibghatlu SMS. Jghid li eventwalment avvicinaha sabiex jghidilha li hu mhux ser jittolera diskors u messaggi ta' dak it-tip.

Jixhed li kemm-il darba kien iwassal lill-vittma mill-knisja ghad-dar stante li kien jghaddi vicin it-triq fejn kienet toqghod l-istess vittma. Izid jghid li darba minnhom -Omissis- ssuggeriet sabiex jghaddi minn xi triq differenti u hu qabad ir-rotta normali. Fuq hekk il-vittma bdiet tinkih. Jikkonferma li dak iz-zmien il-vittma kellha hmistax (15)-il sena. Jixhed li kemm-il darba kien ikellimha fis-sagristija dwar x'films jew serje televizivi qeghdin jaraw. Jghid li darba minnhom kien qieghed isegwi s-sett ta' films ta' Twilight u bhala riferenza ghat-tema vampiristika taghhom kien iccajta maghha rigward gidma li kienet qalghet minghand wahda l-iskola billi jghidilha li hu kien ser jigdimha f'ghonqha. Jammetti li din ic-cajta kienet zejda u nqabzu certu boundaries izda hu kien naive dak iz-zmien u ma rrealizzax li l-vittma kienet qieghda tingibed lejh. Izid jghid li kemm-il darba kienet tinsisti sabiex tigi ghandu d-dar parrokkjali tieghu li kienet tinfed ghall-ufficcju tieghu. Jghid fil-fatt darba minnhom ma kellux ghazla hlief li jdahhalha god-dar tieghu stante li kienet kesha tremenda u xtaqet tevita l-glied tad-dar.

Ikompli jixhed li waqt li kien qieghed jahdem gol-ufficcju tieghu l-vittma kienet qieghda tilghab bic-cellulari taghha meta f'hin minnhom hu offrielha l-kafè Jghid li hi dahlet warajh fil-kcina u telghet bilqieghda fuq il-mejda u kixfet ghonqha u ccajtat mieghu sabiex jigdmilha ghonqha bhal vampiri filwaqt li tghidlu li xtaqet tigdimlu xufftejh. Jghid ukoll li xhin nizlet minn fuq il-mejda hi ddendlet mieghu u tatu bewsa fuq xufftejh. Izid jghid li hu nhasad dak il-hin u biesha lura filwaqt li nduna x'kien ghadu kif ghamel u mill-ewwel qalilha li xtaq iwaqqaf kollox hemmhekk. Jghid li wara dakinhar il-vittma kienet ta' spiss tiskarta mil-lezzjonijiet tal-privat li kienu jsiru vicin it-triq tad-dar parrokkjali u tmur tfittxu. Izid jghid li hi kienet dejjem titolbu sabiex jitbewsu u fil-fatt jikkonferma li gieli kien isir dan. Jixhed li f'Marzu hu qalilha li xtaq iwaqqaf kollox izda hi kienet taqbadlu sens ta' htija billi tghidlu li thobbu u li jekk iwaqqaf kollox kien hemm cans li tfalli mill-ezamijiet u jkun tort tieghu.

L-akkuzat ikompli jixhed li kienet regghet geghlitu jhoss sens ta' htija meta pprova jwaqqaf kollox f'Gunju billi tghidlu li kien gej jum gheluq sninha u digà kellha t-tkissir id-dar u ma xtaqitx iktar wegghat. Jghid li dakinhar li l-vittma ghalqet sittax (16)-il sena, hi

kkonvincietu sabiex jiltaqa' maghha god-dar taghha. Jghid li meta wasal hi kienet fuq is-sodda t'ommha u hu pogga bilqieghda hdejha. Wara li tkellmu naqra, il-vittma bisitu u qaghdu jitbewsu. Kien dak il-hin li l-vittma bdiet tipprova tnehhi l-qmis tal-akkuzat filwaqt li anke bdiet thokk il-parti privata tieghu. Jixhed li minn hemm spiccaw imissu lil xulxin b'mod intimu. Jghid li wara dan l-incident hu hass ruhu mbarazzat u kellu certu sens ta' htija stante li hu Kattoliku kif ukoll jokkupa l-kariga ta' qassis. Jghid li tant hassu hekk li kien anke jirremetti. Jghid li hu dejjem ried itemm ir-relazzjoni ta' bejniethom izda hi kienet iggieghlu jhossu hazin billi tghidlu li hu messu qatt ma biesha lura. Jghid li darba minnhom il-vittma qaltlu li ahjar joqghod attent biex ma jweggaghhiex ghax inkella hi kienet lesta li tweggghu lura. Jghid li apparti li theddu li tnehhilu s-sacerdozju l-vittma kienet anke theddu bil-familja tieghu.

Ikompli jixhed li f'Ottubru tas-sena 2017 il-vittma kienet rat zewg (2) filmati pornografici fl-iskola u kien ghalhekk li xtaqet tiehu sehem f'attivitajiet sesswali mieghu u hu kien jirrizesti kull darba li kienet tipprova tiehu filmati jew ritratti mieghu tramite Snapchat. Jixhed li kull darba li tkun trid tbusu hi kienet tipprova tigbed filmat

jew ritratt taghhom it-tnejn. Jixhed li l-vittma kienet anke ggieghlu u taghmillu pressjoni sabiex jiktbilha lura b'mod senswali hafna u bi kliem b'konnotazzjonijiet sesswali. Jghid li dan kien beda jsehh meta l-vittma kellha kwazi sbatax (17)-il sena. Jghid li kienet anke titolbu biex jibaghtilha filmati tieghu bil-parti privata esposta. Izid jghid li f'Lulju tas-sena 2018 il-vittma kienet talbitu sabiex idahhal subghajh fil-parti privata taghha u fil-fatt kienet qabditlu idu u ghamlet hekk. Jixhed li kemm-il darba l-vittma kienet tipprova ggieghlu li jippenetraha izda hu dejjem zamm lura. Isostni li kull darba li kien jghid le ghal proposti taghha biex jiltaqghu jew biex iwettqu xi att sesswali, il-vittma kienet dejjem tiggieled mieghu. Jixhed li hu spicca beza' minnha specjalment meta hi qaltlu tramtie messagg li kienet lestha li tghid gidba li titwemmen. Jghid li ghalhekk kien icedi ghal certu affarijiet li kienet tipproponi filwaqt li anke jzommilha f'proposti ohra.

Ikompli jixhed li l-vittma minuri kienet anke theddu li kienet lesta li tikxef kollox lill-genituri tieghu kif ukoll lill-familjari ohra tieghu. Jghid li kien wasal f'punt li anke bblokka lill-vittma mill-profil ta' Facebook t'ommu stante li kienet ser tibghat messagg dwar ir-relazzjoni taghhom. Jixhed li matul din it-trawma kollha sahhtu

marret lura tant li darba minnhom spicca l-isptar. Kien ghalhekk li t-tabib issuggerixxa li jistrieh gewwa d-dar tal-genituri tieghu u cioè -Omissis-. Jghid li kien wasal f'punt li l-vittma kienet riedet tmur kull fejn kien qieghed imur hu u dan bir-riskju li theddu. Jghid li f'mument iddecieda li jieqaf minn kollox f'dak li ghandu x'jaqsam mal-Parrocca tal--Omissis-. Jixhed li meta ghaddiet il-festa ta' -Omissis- mar ikellem lil ta' fuqu kif ukoll lill-Arcisqof u kien gie deciz li fl-ghoxrin (20) ta' Settembru tas-sena 2019 hu kien ser jitlaq mill-Parrocca. Jghid li l-iskuza li uza kien li l-festa kienet qieghda tehodlu hafna minn sahhtu. Ikompli jghid li lejliet li kien ser isir l-avviz ta' dan l-ahbar hu informa lill-vittma bil-bidla imminenti. Jixhed li l-vittma haditha ferm hazin tant li bdiet anke tibghat SMSs lil missieru u hu kien jigi jhassarhom minn fuq ic-cellulari ta' missieru. Jixhed li kienet waslet biex theddu li jekk huma ma jkollomx x'jaqsmu sesswalment flimkien allura kienet sejra tikxef ir-relazzjoni taghhom ma' kulhadd u tkissirlu hajtu. Izid jghid li dan kollu wasal biex kellhom argument kbir meta darba ltaqghu gol-ufficcju tieghu l--Omissis-. Kien hemmhekk meta hi baghtet l-ewwel darba lil huh li kienet f'relazzjoni intima mieghu.

Izid jghid li z-zija tal-vittma u cioè -Omissis- kienet baghtet SMS lilu sabiex tinfurmah li l-vittma kienet qaltilha dwar kollox li kien gara. Ghalhekk l-istess zija xtaqitu jinfurmaha kull darba li l-vittma tikkomunika mieghu, u hu hekk ghamel. Jixhed li darba minnhom kien qieghed iwassal l-ommu lura d-dar minn San Vincenz De Paul meta nnota li l-vittma kienet qieghda ssuq warajh. Jghid li bil-karozza stess hi sakkritu sabiex ma jitlaqx. Ikompli jixhed kif hi baqghet tippersisti warajh biex ikomplu r-relazzjoni taghhom tant li kien lest li jiltaqa' maghha gewwa l-MCAST sabiex jiddiswadiha izda dan kollu kien ghalxejn stante li ppruvat tbusu. Jghid li matul dawn l-avvenimenti kollha hu kien qieghed jibghat lil -Omissis- sabiex hi tkun tista' tikkomunika mal-vittma u twaqqafha.

Inkontroezami jghid li l-vittma kemm-il darba kienet titkellem mieghu dwar ir-rabja li ghandha lejn ommha. Jghid li wara li sehhet l-ewwel bewsa hu zamm kollox ghalih. Jixhed li meta l-vittma kellha hmistax (15)-il sena huma ltaqghu gewwa l-ufficcju parrokkjali tieghu madwar sitt (6) darbiet. Jghid li minkejja bejn id-dar parrokkjali u l-ufficcju parrokkjali hemm bieb hu kien izomm tali bieb miftuh bil-gangetta. Jixhed li meta l-vittma ghalqet sittax (16)-il sena hu u l-vittma kienu bdew imissu lil xulxin. Jghid li hu

kien komdu jkellem lill-vittma dwar il-films li kienu jsegwu stante li kienu hbieb. Jghid li hu ma kellimx lil nannuha meta kien hemm l-incident tar-ritratt tieghu jbiddel bozza. Jikkonferma li hu kien ilu jghid lill-vittma li xtaq iwaqqaf kollox minn mindu kellha hmistax (15)-il sena. Jghid li meta l-vittma kienet semmietlu l-ezamijiet ta' livell ordinarju hu hass sens ta' htija filwaqt li hassu mhedded li jkompli fir-relazzjoni maghha. Jghid li biex ikecci lill-vittma mid-dar hu kien icempel lin-nannu taghha u jaqtaghlu u dan meta kellha tmintax (18)-il sena. Jikkonferma li jaf li huh kien mar ikellem lill-vittma izda ma jafx x'intqal stante li ma kienx prezenti.

Illi xehdet **Marie Claire Tabone** ghan-nom u inrapprezentanza ta' Epic Communications Limited li tghid li n-numru -Omissis- kien irregistrat mas-socjetà Epic fil-perjodu bejn l-ghoxrin (20) ta' Settembru 2019 u s-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar 2020. Dan gie rifless f'dokument immarkat bhala Dok. MCT1.

Illi xehed **Christian Joseph Bartolo** ghan-nom u inrapprezentanza ta' Melita Limited li jghid li l-unici zewg (2) numri li kienu registrati mas-socjetà Melita huma -Omissis-, li jghajjat lil certu -Omissis-,

u n-numru -Omissis-, li jghajjat lil certu -Omissis-. Tali informazzjoni giet riflessa f'dokument ipprezentat u mmarkat bhala Dok. CJB.

Illi giet ipprezentata Social Enquiry Report tramite nota datata sebgha (7) t'Awwissu 2024 mill-**Ufficjal tal-Probation Mary Rose Farrugia** fejn gie konkluz hekk ghal dak li ghandu x'jaqsam bhala pjan ta' kura[3]:

> *"Illum il-gurnata -Omissis- qieghed ikun segwit minn psikologa li skont hu qed tghinu hafna u l-psikologa temmen li l-imemmi ghandu jkompli jinghata din l-ghajnuna. Ghaldaqstant, fic-cirkustanzi hu rakkomandat li -Omissis- ikompli bis-sessjonijiet mal-psikologa tieghu."*

**Ikkunsidrat**

Illi qabel xejn ghandu jinghad li fit-trattazzjoni tieghu l-abbli avukat tal-akkuzat jargumenta li ghandha tigi applikata l-ligi kif inhi vigenti llum il-gurnata u cioè wara l-emendi tal-2018. Din il-

[3] Fol 760 tal-atti processwali

Qorti però ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Huwa car li r-raguni ghaliex qieghda titressaq din is-sottomissjoni hija sabiex l-akkuzat ikun jista' japplika l-età tal-kunsens li hija vigenti llum il-gurnata u cioè dik ta' sittax (16)-il sena. Dan ifisser li l-uniku att sesswali li sehh kienet il-bewsa li sehhet meta l-parte civile kellha hmistax (15)-il sena biss. Din ir-restrizzjoni zgur li hija ta' vantagg ghall-akkuzat stante li huwa iktar ehfef li jiskredita lill-parte civile fuq allegat att wiehed biss minflok sensiela ta' atti li baqghu jsehhu sakemm l-istess parte civile ghalqet l-età ta' sbatax (17)-il sena.

Illi din il-Qorti hija tal-opinjoni però li din id-difiza ma tregix. Referenza qieghda ssir ghall-Artikolu 27 tal-Kodici Kriminali li jghid hekk:

> *"Jekk il-piena stabbilita mil-ligi li tkun issehh fiz-zmien tal-kawza u dik li kienet issehh fiz-zmien li sar ir-reat ma jkunux xorta wahda, ghandha tinghata l-piena l-anqas gravi."*

Illi din il-Qorti kif diversement preseduta dahlet f'iktar dettall fuq dan il-punt f'sentenza moghtija fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju

tas-sena 2017 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Saviour Gaffarena et.</u>** Il-Qorti qalet hekk:

> *"Il-Qorti se tirreferi ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Virginia Mifsud**, deciza fit-18 ta' Lulju 1922:*
>
> > *"Attesocche e` pacifico in dottrina che, fra la legge penale esistente allorche` l'azione illecita venne commessa e quella vigente nel giorno del giudizio, si deve applicare la legge piu` mite, onde, se, mancando certi estremi che la legge abrogata non richiedeva, cessa il fatto di essere perseguibile secondo la legge nuova, a questa senza esitazione deve attenersi il giudicante, come quella per la quale si favorisce meglio la liberta` dell'imputato. Si veda "Retroattivita della Legge" di Angelo Olivieri Ni. 216 e 222 (Digesto Italiano); il Gabba quivi citato; Cheaveu et Helie "Teorica del Codice Penale (traduzione diretta del Pessina) Vol. 1 paragrafo 27 pagina 38; Merlin "Repertorio Effetto Retroattivo"*

*paragrafo 11 n. 1; Dalloz: "Repertorio" voce Legge n. 874; Biblioteca del Diritto (versione italiana per cura dello Avvocato Rocca) – Voce Retroattiva delle Leggi paragrafo 13);*

*Hekk ukoll irriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Frar 1920, fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Agostino Bugeja:***

*"Attesocche nella moderna dottrina circa l'effetto retroattivo delle leggi penali sono principi che piu` non si discutono, e sono anche sanzionati dalla maggior parte delle legislazioni, i seguenti:-*

*1. La legge penale non puo` avere effetto retroattivo, nel senso che nessuno puo` essere punito per un fatto che secondo la legge del tempo in cui fu commesso non era contemplato e punito come reato;*

*...*

2. *Se la legge penale vigente al tempo del giudizio e ` piu ` mite di quella stabilita dalla legge vigente al tempo della commissione del reato la prima legge viene applicata retroattivamente*

3. *Se la legge penale vigente al tempo del giudizio e ` piu ` severa della legge vigente al tempo della commissione del reato, si giudica secondo quest'ultima legge.*

*Attesocche il nostro Codice Criminale compendia questi ultimi due principi nell'articolo 28, pel quale e ` disposto che quando la pena stabilita nel tempo del giudizio e quella che era comminata al tempo del reato fossero diverse fra loro, sara ` sempre applicata quella di qualita ` meno grave.*

*Invero l'interpretazione del principio sanzionato col detto articolo 28 delle nostre Leggi Criminali, che, cioe, quando vi ha differenza fra la legge penale anteriore e la nuova una azione commessa prima della attuazione della legge nuova ma sottoposta a*

*<u>guidizio posteriormente, deve essere giudicata con quella fra le due leggi penali che nel confronto apparisca piu` mite, non deve intendersi letteralmente ristretto al solo caso in cui la legge posteriore commini una pena meno grave ma di logica e di giustizia deve estendersi anche al caso in cui la legge posteriore dichiari che il fatto punibile sotto la antica legge non costituisce piu` reato: di logica, perche` maggior mitezza puo` dirsi non solo per riguardo a quella legge che commina una pena minore, ma eziandio in riguardo a quella che non ne commina alcuna; di giustizia, perche la legge non puo` contraddire se stessa, per dare efficacia retroattiva alla legge posteriore solo quando questa stabilisce una pena meno grave a negare poi tale efficacia retroattiva alla legge posteriore la quale, piu` che diminuire elimini qualsiasi pena"[4]</u>*

Illi l-Qorti analizzat il-ligijiet li fuqhom huma msejsin l-akkuzi odjerni fiz-zmien li sehhew l-allegati incidenti u jirrizultalha li l-

[4] Emfazi ta' din il-Qorti

pieni huma ferm inqas minn dawk li jinsabu fil-Kodici kif emendat illum il-gurnata.

Illi tenut kont tal-kazistika citata, kif ukoll dak li jtenni l-Artikolu 27 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti ghandha tapplika l-provvedimenti tal-Kodici Kriminali hekk kif kien promulgat fiz-zmien li sehhew l-allegati reati u dan inkluz ukoll id-dispozizzjonijiet li jirregolaw l-età tal-kunsens sesswali.

Ghalhekk din il-Qorti ser tapplika wkoll dak indikat fl-Artikolu 157 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghal dak li ghandu x'jaqsam bhala tifsira ghal persuna minorenni:

> *"Hija taht l-età persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor li tkun ghad ma ghalqetx tmintax-il sena."*

**Ikkunsidrat**

Illi jinghad li dan il-kaz jistrieh fuq il-kredibilità tal-parte civile -Omissis- kif ikkorroborata mal-provi l-ohra mressqa mill-Prosekuzzjoni anke jekk l-imputat kien ammetta ghall-atti allegati fl-istqarrija kif ukoll fix-xhieda tieghu. Ghandu jinghad li l-parte

civile kienet cara u dettaljata fix-xhieda taghha ghar-rigward kif sehh ir-reat min-naha tal-akkuzat. Jinghad ukoll li hi iddeskriviet xenarju fejn l-akkuzat kien hu li kien ifittex li jissodisfa l-hajra sesswali tieghu.

Illi però l-messaggi li esebiet hi stess[5] kif ukoll dawk li hargu mix-xhieda tal-akkuzat[6] ipittru stampa ferm differenti. Hareg car daqs il-kristall li l-vittma spiccat kienet ossessjonata bl-akkuzat tant li ma kienet tiddejjaq xejn tigbed ritratti tieghu kif ukoll taghha fil-kumpanija tieghu. Hareg bic-car ukoll li hi hadet passi kontra l-akkuzat meta ndunat li l-istess akkuzat kien ser jieqaf milli jokkupa l-kariga tieghu ta' Kappillan tal--Omissis- b'dana li kien ser jitlaq mir-rahal. Iregi allura li, li kieku dan ma sehhx il-parte civile kienet lesta li tkompli sejra b'din ir-relazzjoni tant turbulenti u dan minn wara dahar kulhadd.

Illi min-naha l-ohra l-imputat ghazel li jixhed minn jeddu u kien ghazel li jwiegeb ghad-domandi maghmulin lilu fl-interrogazzjonijiet tieghu. Il-Qorti sejra tiddikjara minn issa li tali stqarrijiet sejrin jitqiesu bhala prova krucjali ghal dan il-kaz odjern

[5] Fol 103A tal-atti processwali.
[6] Fol 697 *et sequitur* tal-atti processwali.

u dan in linea mar-ragunament ta' diversi sentenzi mill-Qrati nostrani kif ukoll Ewropea[7].

Illi l-istqarrija tikkorrobora perfettament ma' dak li dejjem irriteniet u sahqet il-vittma minuri u turi bic-car li l-akkuzat ammetta li kien ikkorrompa lill-vittma minuri anke jekk il-Qorti tistrieh biss fuq okkazjoni wahda biss. Ghandu jinghad però li filwaqt li jammetti ghal dan ir-reat, l-akkuzat dejjem cahad kategorikament li hu ma wettaqx penetrazzjoni fuq il-parte civile filwaqt li kienet tkun dejjem l-istess parte civile li tinstiga l-attivitajiet sesswali.

**Ikkunsidrat**

Illi oramaj huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghal-liberatorja tal-imputat ghaliex il-Qorti hija obbligata li tevalwa l-provi fl-assjem taghhom u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min tista' temmen u f'xiex u dan *multo magis* f'dawn it-tip ta' kawzi meta jkollok il-verzjoni tal-parte civile versu l-verzjoni tal-akkuzat.

[7] **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali**, deciza 11/4/2011 u 12/4/2011, Qorti tal-Appell; **Beuze vs Belgium**, deciza 9/11/2018, Grand Chamber tal-Qorti Ewropea; **Farrugia vs Malta**, deciza 4/6/2019, Grand Chamber tal-Qorti Ewropea; **Mark Charles Kenneth Stephens** vs Malta, deciza 14/1/2020, Grand Chamber tal-Qorti Ewropea;

Illi huwa principju bazilari wkoll li r-reat tal-imputat irid tigi ppruvat mill-Prosekuzzjoni ’l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Dan ifisser li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li din il-Qorti trid tasal ghalih hu, li wara li tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-provi kollha, tkun moralment konvinta minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. F’dawn il-kuntesti l-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal **Lord Denning**:

> *“Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence: 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice”.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Omissis</u>** deciza mill-Qorti Kriminali fil-11 ta' Jannar 2019 inghad:

*"Illi huwa minnu illi dawn il-kazijiet ta' reati kontra l-persuna fosthom stupru, u korruzzjoni ta' minuri hafna drabi jipprezentaw stampa fejn l-provi probatorji ikunu jikkonsistu fix-xhieda taz-zewg persuni involuti f'dan l-event kriminuz u cioe' il-verzjoni tal-minuri u dik tal-persuna akkuzata. Wiehed jghid iswed u l-iehor jghid abjad biex b'hekk ghandhom rwol rizoluttiv, il-kredibilta' u l-attendibilita' ta' xhieda ghas-soluzzjoni tal-vertenza. Din il-kredibilita` u attendibilita f'dawn it-tip ta' kawzi hafna drabi tohrog mill-komportament tax-xhud, oltre l-inkonsistenzi fid-deposizzjoni taghha.*

*Illi inoltre biex tezamina l-kredibilita' tax-xhud, il-Qorti ghandha tezamina d-dettalji ipprezentati quddiemha mhux biss mix-xhieda tal-atturi ewlenin involuti f'din il-vicenda sfortunata, izda ukoll tax-xhieda l-ohra li iddeponew u xhieda ohra li taw il-kontribuzzjoni taghhom professjonali ghar-risoluzzjoni ta' din il-vertenza,*

*ezercizzju li din il-Qorti trid taghmel b'mod konciz u dettaljat."*

Illi fuq dan is-suggett u ghall-kompletezza, qed issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**[8] fejn gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Illi wkoll fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda*

[8] QA Kriminali – deciza fid-19 ta' Mejju 1997

*differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja."*

Ukoll fil-kawza **<u>Pulizija vs. Joseph Thorn</u>**[9], il-Qorti qalet:

*"... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx"*

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. John Pace</u>**[10] inghad is-segwenti:

*"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz ta' l-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta*

[9] QA Kriminali – deciza 9 ta' Lulju 2003
[10] QA Kriminali deciza fil-31 ta' Ottubru 2013

*minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija millArtikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Illi l-Qorti rat ukoll dak li jipprovdi Artikolu 637 dwar kif ghandha tanalizza kredibbiltà ta' xhud b'dan illi, *"id-decisjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix- xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal- kaz."*

Illi din il-Qorti jidhrilha li l-verzjoni tal-parte civile ghandha elementi li titwemmen filwaqt li l-imputat ma kkonvinca bl-ebda mod li ma sarx dak li sehh anke stante li hu ma nnegax dak li gara u cioè li meta l-parte civile kellha hmistax (15)-il sena hu bies lill-istess vittma kif ukoll li eventwalment waslu sal-punt li anke messew lil xulxin b'mod intimu. Di più sija l-akkuzat u wisq anqas id-difiza tieghu ma rnexxielha tipprova li dak li stqarret il-parte civile ma kellhiex mis-sewwa. Din il-Qorti sejra fil-fatt taghmel

referenza għall-istqarrijiet kif ukoll għax-xhieda datata sitta (6) ta' Ottubru 2023 tal-istess akkużat fejn minn jeddu ammetta għall-allegati reati.

<u>**Ikkunsidrat**</u>

Illi l-imputat qed jiġi akkużat bir-reat ta' korruzzjoni ta' minuri taħt l-Artikolu 203(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li fiż-żmien li seħħ l-alleat reat kien jgħid hekk:

> *"Kull min, b'egħmil żieni, jikkorrompi persuna ta' taħt l-età, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha."*

Illi fin-noti tiegħu dwar id-dritt penali, il-**Professur Mamo** jelenka l-elementi legali rikjesti sabiex tirnexxi dina l-azzjoni penali. Fi kliemu jgħid illi dana r-reat:

*"deals with those lustful acts not consisting in carnal knowledge or attempted carnal knowledge with violence, whether actual or constructive, committed on the person or in the presence of any individual, whether male or female, and capable of defiling such individual."*

Kwindi l-ewwel (1) element rikjest hija l-età tal-allegata vittma li per forza trid tkun minorenni; it-tieni (2) element imbaghad, jikkostitwixxi l-element materjali tar-reat u cioè l-ghemil zieni.

*"Lewd conduct is any unlawful act committed by an individual with the purpose of arousing the libido or sexual interest of themselves or the person towards whom this action is directed."*

Il-Professur Mamo jkompli jghid li:

*"this expression does not include mere words, or any picture, book or representation, though obscene, or other indecent facts which affect only the moral sense. These do not constitute the crime in question. It is required that the*

*defilement be by lewd acts, which acts must be committed either on the person of the minor or at least in his presence".*

Isostni wkoll illi:

*"to take a different view would be to ignore the obvious spirit of the law in creating the crime, that is the desire to protect youth from the pernicious effects of moral defilement and, therefore also from all those acts, which, although they take place without physical contacts, are nevertheless inherently intended to defile."* Il-Professur Mamo jiddeskrivi dawn l- atti bhala: *"inclusive of all acts directed to the indulgence of the sexual appetite."*

Fl-ahhar nett it-tielet (3) element rikjest huwa l-att tal-korruzzjoni. Ghalkemm kien hemm guristi li ma qablux dwar il-fatt jekk minuri li digà huwa korrott jistax ikun soggett ghal korruzzjoni u kwindi jistax jaqa' vittma ta' dana r-reat, madanakollu l-qrati taghna dejjem sahqu illi l-fatt illi minuri ikun digà gie soggett ghal korruzzjoni ma jeskludix il-kummissjoni ta'

dana r-reat fil-konfront tieghu (ghalkemm mhux dan hu l-kaz inezami). Ghal dak li jirrigwarda mbaghad il-*mens rea* rikjesta ghall-kummissjoni tar-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni il-Professur Mamo huwa tal-fehma illi ma hijiex necessarja xi intenzjoni specifika wara l-kummissjoni ta' dana r-reat:

> *"The defilement whether intended or not, must be considered as a necessary consequence of the lewd acts themselves, leaving it in every case to those who are to judge to determine whether they were calculated to defile."*

Illi certament ma jonqosx illi din il-Qorti f'dan il-kuntest tikkwota l-kaz per eccellenza ta' dan ir-reat deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali u cioè <u>Il-Pulizija vs Thomas Wiffen</u>, deciza fit-8 ta' Jannar 1996, per Prim Imhallef Dr Vincent De Geatano fejn gie deciz:

> *"Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propria concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial*

*for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts.*

*'As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known specific instrument, but it is something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or Judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts."*

Illi l-**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana** (Cass. pen. n. 3196/2009) dahlet f'din id-definizzjoni fejn qalet is-segwenti:

*"Il delitto di corruzione di minorenne e quello di atti osceni in luogo pubblico concorrono formalmente se la condotta dell'agente non si limita ad offendere il pudore o l'onore sessuale, ma è posta in essere anche in modo da coinvolgere emotivamente la persona offesa. (Fattispecie nella quale il reo aveva esibito in una pubblica via il proprio organo sessuale, afferrandolo prima con una e poi con entrambe le mani alla presenza di una minore cui lo aveva mostrato)."*

Illi finalment fuq dan il-punt il-Qorti ta' Kassazzjoni Taljana **(Cass. pen. n. 44681/2005 - 7/12/2005)** ikkummentat fis-sens illi:

*"Il bene giuridico tutelato nel delitto di corruzione di minorenni consiste nella salvaguardia di un sereno sviluppo psichico della sfera sessuale di soggetti di età minore, che non deve essere turbato dal trauma che può derivare dall'assistere ad atti sessuali compiuti con ostentazione da altri."*

Illi prova tal-allegat korruzzjoni ta' minuri hu prevalenti fl-istqarrija tal-akkuzat fejn a fol. 6 tal-atti processwali jinghad hekk:

*"M. Naqblu li din ir-relazzjoni kienet bdiet meta kellha xi hmistax-il sena?*

*T. Meta kellha hmistax-il sena u 7 xhur ma kien ghadu gara xejn benitna hlief dik il-bewsa.* ***L-attivitajiet sesswali bdew jigru meta hija kienet ghalqet sittax-il sena***[11] *u hija kienet stednitni ghalihom, kwazi kwazi sfurzatni, nghid il-verita`."*

Illi di più l-Qorti tfakkar li anke meta xehed minn jeddu l-imputat, hu stess ammetta a fol. 648 u 649 tal-atti processwali kif hu ltaqgha mal-parte civile god-dar matrimonjali u wettqu atti sesswali fuq xulxin, b'dana li hu kien qieghed imiss il-gisem tal-istess parte civile.

Ghalhekk stante l-ammissjoni tal-akkuzat kif ikkorroborat mill-parte civile, kif ukoll stante dak li tghid il-kazistika sucitata, il-

[11] Emfazi ta' din il-Qorti.

Qorti tqis li l-akkuzat ghandu jinsab hati tal-ewwel (1) akkuza kif dedotta kontrih.

## Ikkunsidrat

Illi l-imputat -Omissis- qed jigi akkuzat ukoll taht l-Artikolu 204C(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li fiz-zmien li sehh l-allegat reat kien jghid hekk:

> *"Kull min jippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht l-età jista', meta jinsab hati, jehel prigunerija ghal zmien mhux izjed minn hames snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha."*

Illi f'dan il-kaz stante li gie ppruvat li l-akkuzat ikkorrompa lill-parte civile dan ir-reat gie ppruvat sal-grad rikjest.

Ghalhekk il-Qorti sejra ssib htija fuq it-tieni (2) akkuza kif dedotta kontra l-akkuzat.

## Ikkunsidrat

Illi ghandu jinghad li hareg bic-car li l-akkuzat kien jokkupa kariga ta' certu portata fis-socjetà Maltija u cioè dik ta' Kappillan tal--Omissis-. Tant hu minnu li dan il-fatt qatt ma gie kkontestat.

Illi l-Artikolu 208AC(1)(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> *"Il-piena ghar-reati msemmija fl-artikoli 204, 204A sa 204D, it-tnejn inkluzi, 208A(1) sa 208AB, it-tnejn inkluzi, ghandha tizdied bi grad jew b'zewg gradi, fil-kaz li tirrizulta wahda jew izjed mic-cirkostanzi li gejjin:*
>
> *g. meta r-reat gie mwettaq minn membru tal-familja tal-wild, persuna li tkun qed tghix mal-wild **jew persuna li tkun abbuzat b'pozizzjoni ta' fiducja rikonoxxuta jew awtorità**[12]"*

Illi rigward il-kriterji ta' x'jikkostitwixxi pozizzjoni ta' fiducja rikonoxxuta jew awtorità ghandu jinghad li r-Repubbblika ta' Malta hija sinjatarja tal-Konvenzjoni ta' Lanzarote u li l-ghan ahhari ta' dan id-dokument huwa li jipprotegi minuri minn reati li fosthom

---

[12] Emfazi ta' din il-Qorti

jikkostitwixxu abbuzi sesswali. Fir-rapport spjegatorju ta' din il-konvenzjoni jinghad hekk:

*"120. Secondly, paragraph 1 b criminalises the fact of a person engaging in sexual activities with a child, regardless of the age of the child, where use is made of coercion, force or threats, or when this person abuses a recognised position of trust, authority or influence over the child, or where abuse is made of a particularly vulnerable situation of the child.*

*...*

*123. The second indent relates to abuse of a recognised position of trust, authority or influence over the child. This can refer, for example, to situations where a relationship of trust has been established with the child, where the relationship occurs within the context of a professional activity (care providers in institutions, teachers, doctors, etc) or to other relationships, such as where there is unequal physical, economic, religious or social power.*

*124. The second indent provides that children in certain relationships must be protected, even when they have already reached the legal age for sexual activities and the person involved does not use coercion, force or threat. These are situations where the persons involved abuse a relationship of trust with the child resulting from a natural, social or religious authority which enables them to control, punish or reward the child emotionally, economically, or even physically. Such relationships of trust normally exist between the child and his or her parents, family members, foster or adoptive parents, but they could also exist in relation to persons who:*

- *have parental or caretaking functions; or*
- *educate the child; or*
- *provide emotional, pastoral, therapeutic or medical care; or*
- *employ or have financial control over the child; or*
- *otherwise exercise control over the child*

*Volunteers who look after children in their leisure-time or during voluntary activities, for example at holiday-camps or in youth organisations, can also be viewed as holding positions of trust. This list is not exhaustive, but aims at giving a description of the wide range of the recognised positions of trust, authority or influence.[13]"*

Illi kulturalment u b'mod specjali hawn Malta, ir-rwol ta' Kappillan jew sacerdot, huwa wiehed ferm importanti fis-socjetà taghna. Huwa d-dover ta' kull membru tal-kleru li jwasslu l-messagg Nisrani lil-lajci u dan anke jinkludi persuni li huma adoloxxenti. Iregi allura li bhal ma jkun hemm skrutinju fuq edukaturi li ma jabbuzawx mill-pozizzjoni taghhom, l-istess livell ta' skrutinju ghandu jigi applikat lejn membri tad-Djocesi.

Ghalhekk il-Qorti tirrimarka li l-aggravju kif dettat mill-Artikolu 208AC(1)(g) tal-Kodici Kriminali ghandu jigi applikat f'din is-sitwazzjoni.

---

[13] *Explanatory Report to the Council of Europe Convention on the Protection of Children against Sexual Exploitation and Sexual Abuse*

Illi din il-pozizzjoni tal-imputat bhala sacerdot ghalhekk taghmilha ferm facli li persuna, wisq aktar minorenni, li tafda lilha nnifisha f'dan il-membru tal-knisja u ghalhekk ssibha komda li tersaq lejh. Illi dak li gara f'dan il-kaz huwa car daqs il-kristall. Il-minuri kienet ghaddejja minn turbolenzi fil-hajja taghha, kellha bzonn xi hadd ma' min titkellem, sabet lill-imputat li accetta li jkun il-kunfident taghha b'tali mod li halla lill-emozzjonijiet jigru bih. Kien hu li kellu d-dover li ma jhallix din is-sitwazzjoni tiddegenera sal-punt li waslet u mhux vice versa. Id-difiza tipprova tpingi lill-parte civile bhala l-mohh wara kollox izda ghalkemm forsi veru li bdiet tirrikatta lill-imputat dan gara wara li l-istess imputat halla l-emozzjonijiet jigru bit-tnejn. Kien hu l-adult mhux vice versa. Kellu kapacitajiet mentali tajbin u mhux imxekklin bl-ebda kundizzjoni ghalkemm prova jpingi li hu kien ghaddej minn stress emozzjonali u fiziku, però qatt ma gab l-ebda prova li juri dan.

Illi referenza ssir ghal dak li xehed l-istess akkuzat a fol. 693 tal-atti processwali fejn l-akkuzat spjega kif wara xi zmien hu beda jhedded lill-parte civile li kien ser jaghmel telefonata lil nannuha sabiex ikecciha minn quddiemu:

| | |
|---|---|
| *"Dr Alfred Abela:* | *Ija allura din it-teknika ma uzajtiex meta kellha hmistax-il sena, meta kellha sittax-il sena u meta kellha sbatax-il sena?* |
| *-Omissis-:* | *Ma uzajthiex dakinhar."* |

Ghal dawn ir-ragunijiet li d-difiza tal-imputat ma kkonvincietx lill-Qorti. Il-Qorti ma tistax taccetta tali skuza jew difiza tal-akkuzat iktar u iktar meta tqis li din ir-relazzjoni ma' minuri baqghet sejra ghal madwar sentejn shah!

Illi jinghad però li ghal dak li ghandu x'jaqsam bhala piena din il-Qorti sejra tiehu qies tal-fatt li l-parte civile inqdiet minn dawn il-proceduri sabiex tivvendika ruhha mill-fatt li l-akkuzat iddecieda li jitlaqha.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 203 (1) (qabel ma dahal l-att XXIII ta' 2017), 204C(1) (qabel ma dahal l-att XIII ta' 2018) u 208AC(1)(g) (qabel ma dahal l-att LXIV ta' 2021) tal-

Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **-Omissis-** hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u stante li t-tieni (2) akkuza hija mezz ghal fini tal-ewwel (1) akkuza, tikkundannah ghal tliet (3) snin u sitt (6) xhur prigunerija effettivi.

In oltre, u a bazi tal-Artikolu 208B sub-artikolu 2 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, timponi prevenzjoni permanenti fuq l-imputat **-Omissis-** milli jezercita attivitajiet professjonali li jinvolvu kuntatt dirett jew regolari ma' minuri filwaqt li din l-ordni ghandha tigi riflessa fil-fedina penali tal-imputat ai termini tas-subartikolu 2A tal-istess artikolu ccitat.

In oltre, u a bazi tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, timponi fuq l-imputat **-Omissis-** ghal Ordni ta' Trazzin a favur il-parte civile ghal zmien tliet (3) snin u liema ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

In oltre, u a bazi tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li isem l-imputat **-Omissis-** jitpogga fir-Registru mwaqqaf a bazi ta' dan l-Att u konsegwentement tordna kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati ghall-annotazzjoni necessarji.

Finalment, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-imputat -**Omissis**- ihallas l-ammont ta' elf u mija u hamsa u ghoxrin ewro u sebghin centezmu (€1,125.70) rapprezentanti spejjez peritali naxxenti minn din il-kawza.

\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**